**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Ryan Fenech**

**Christian Fenech**

Illum 28 ta' Novembru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Ryan Fenech, iben Victor u Carmen nee' Grech, imwieled 5 ta' Frar 1990, residenti Eder, Triq George Badger, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita' 85890(M) u Christian Fenech, iben Victor u Carmen nee' Grech, imwieled 21 ta' Mejju 1991, residenti Eder, Triq George Badger, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita' 269691(M):

Talli f'dawn il-Gzejjer fid-19 ta' Novembru 2011 ghal habta tal-erbgha ta' filghodu (04:00am) fi Triq il-Gizimin, Swieqi u/jew fil-vicinanzi, minghajr il-hsieb li toqtlu jew tqieghdu l-hajja fil-periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Luke Zammit.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi wzaw armi irregolari kontra l-persuna ta' Luke Zammit.

Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) fl-artikoli 214 u 216(1)(b)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikolu 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-artikoli 382A, 383, 384, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati iddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Dan il-kaz jitratta incident li sehh fid-19 ta' Novembru 2011 ghall-habta tal-erbgha ta' filghodu li fih Luke Zammit sofra feriti ta' natura gravi.

L-imputati huma ahwa. Luke Zammit fiz-zmien tal-akkadut kien jaf liz-zewg imputati u gieli anki hargu fl-istess grupp. L-imputat Ryan Fenech kien johrog mal-ex-tfajla ta' Luke Zammit, certa Chiara Tonna. Chiara Tonna u Luke Zammit ghandhom wild.

M'hemmx kontestazzjoni li fil-fatt l-incident sehh. Hemm izda xi divergenzi bejn il-versjoni tal-parte leza u l-imputati ta' kif sehh l-incident.

Il-versjoni ta' Luke Zammit[1] hija li fid-data tal-incident huwa flimkien ma' shabu kienu f'party f'tas-Sliema. Huwa cempel lil Chiara Tonna u Ryan Fenech irrisponda l-mowbajl u qal lil Luke Zammit biex johrog barra halli jitkellmu. Huwa hekk ghamel, hargu barra huwa u Ryan u kienu se jaqbdu jaghtu, waqfet hemm u marru d-dar. Imbaghad Luke Zammit jixhed li huwa u miexi lejn id-dar hargu l-imputati minn wara karozza u daruh. Jixhed li ma rahomx sejrin fuqu. Huma marru minn warajh u qabdu jtuh it-tnejn li huma. Tawh fuq rasu u nizzluh mal-art u baqghu jtuh. Imbaghad mar ghand it-tabib u xehed li dam l-isptar hamest ijiem ghaliex kellu infezzjoni u l-ispecjalista kien Mr Dennis Gatt. Wara l-perjodu l-isptar ghamel tlett (3) gimghat id-dar. In kontro-ezami[2] jixhed li lill-imputat kien jafhom it-tnejn izda kien jaf l-aktar lil Christian Fenech.

L-imputat Ryan Fenech irrilaxxja zewg stqarrijiet. Fl-ewwel stqarrija[3] tieghu dan l-imputat jispjega li kien fi klabb flimkien ma huh Christian u mal-hbieb. F'xil-4.00 a.m. hareg barra u beda jitkellem mal-ex-tfajla tieghu (Chiara Tonna) biex jippruvaw jirrangaw id-differenzi. Luke Zammit baghat messagg lil Tonna u riedha ccempillu. Ryan Fenech baghtlu messagg biex jara x'irid. Zammit cempillu, staqsih fejn kien u hareg barra hdejn Ryan. Meta Zammit hareg, Ryan Fenech ighid li rah li ma kienx f'sikktu. Zammit qallu li Chiara Tonna kienet omm ibnu u li seta' jibghatilha u jkellimha x'hin ried huwa u qallu biex ma jindahalx. Haslu bid-drink li kellu f'idu. Ryan Fenech ighid li kien se jersaq ma' wiccu, zammewh, Zammit xejjer daqqa ta'

[1] Seduta tas-26 ta' Novembru 2012
[2] Seduta tat-8 ta' Jannar 2016
[3] Rilaxxjata fid-19 ta' Novembru 2011

ponn imma ma latux ghax zammewh. Wiehed minn shab Luke Zammit, Vernon Fava qal lill-imputta biex jaqtaghha, xejjirlu daqqa ta' ponn imma ma laqtux izda tah daqqa ta' sieq u daqqa go daru, qabad lil Luke Zammit, dahlu f'karozza u saqu. Ghalhekk Ryan cempel lil huh li meta mar hdejh staqsih min kien missu, spjegalu x'gara u huh qallu biex imorru jsibu lil Vernon. Huma marru fejn id-dar ta' Vernon biex jaraw isibux il-karozza pero' ma kienx hemm. Cemplulu u ma rrispondix. Christian kien jaf fejn joqghod Luke Zammit u marru hemm. Baqghu jistennewh, Luke Zammit wasal bil-mixi, Christian staqsih ghalfejn kien ghamel hekk lil huh u Christian induna li Zammit kien se jhebb ghalih. X'hin Christian ra hekk ta daqqa ta' ponn. Luke Zammit imbaghad sejjer ghal Ryan u dan tal-ahhar tah daqqa ta' sieq u Zammit waqa' mal-art u baqghu jtuh. Fl-istqarrija rilaxxjata fit-23 ta' Novembru 2011 Ryan Fenech jichad li meta ta lil Luke Zammit kellu oggett iebes u jichad ukoll li marru minn warajh.

Il-versjoni ta' Christian Fenech fl-istqarrija rilaxxjata minnu fid-19 ta' Novembru 2011 hija li huh Ryan kien cempillu wara t-tlieta ta' filghodu u qallu li Luke Zammit u Vernon Fava qabdu jtuh. Ghalhekk huwa nizel tas-Sliema u mar hdejn huh. Gabar lil huh u marru fejn id-dar ta' Vernon izda ma rax il-karozza. Imbaghad baqa' sejjer fejn joqghod Luke Zammit u kif waqaf hdejn id-dar tieghu rah gej bil-mixi. Jistqarr li kemm Luke u Vernon huma hbieb tieghu. Ighid li mar fuq Luke Zammit u staqsih x'kien gara ma' huh u qallu biex ma jergax imissu. Luke qabadlu idu ghaliex haseb li Christian kien se jhebb ghalih, kif ra li kien flimkien ma' huh Ryan, kien se jxejjer daqqa ta' ponn u spiccaw jiggieldu t-tlieta li huma. Imbaghad Zammit intelaq mal-art u l-imputat ighid li huwa u huh telqu. Fl-istqarrija rilaxxjata fit-23 ta' Novembru 2011 jichad li kellu xi oggett iebes waqt il-glieda ma' Zammit u jsostni li meta gew fl-argument hu kien avvicina lil Luke minn quddiem billi mar ikellmu u mhux minn warajh kif allegat.

Irid ukoll jigi rilevat li z-zewg imputati jsostnu li sofrew xi griehi hfief izda ma riedux li jittiehdu passi kriminali.

Minn dawn ir-rizultanzi processwali jirrizulta li din il-glieda setghet tigi evitata facilment li kieku l-imputati hasbu sew il-konsegwenzi tal-azzjonijiet taghhom. Jirrizulta li kollox beda meta Luke Zammit cempel lil Chiara Tonna li tigi omm ibnu. L-imputat Ryan Fenech kien

johrog ma' Chaira Tonna u dak il-hin tat-telefonata kienu flimkien biex jirrangaw xi divergenzi bejniethom. Ryan qabad u rrisponda t-telefown huwa u qal lil Zammit biex johrog barra halli jitkellmu. Zammit hareg u kienu se jigu fl-idejn li kieku ma zammewhomx tal-madwar. Huwa evidenti li Zammit hass li kellu d-dritt icempel lil Tonna meta ried in vista li kellhom wild, mentri l-imputat Ryan Fenech hass li dan ma kellux ikun ghaliex kienet it-tfajla tieghu. Il-pussess zejjed li dawn iz-zewg guvintur hassew li kellhom fuq Tonna (li ma ttellghetx bhala xhud f'dawn il-proceduri) wassal ghal dak li segwa meta din kellha tkun kwistjoni li facilment setghet tigi rizolta bi ftit buon sens. Ryan Fenech isostni li huwa ssawwat minn certu Vernon Fava u li l-istess Fava imbaghad qabad lil Zammit u telqu bil-karozza minn fuq il-post. L-imputat Ryan Fenech cempel lill-imputat l-iehor u kif qallu dak li gara Christian Fenech mar ghalih tas-Sliema u marru jfittxu lil Vernon Fava. Ma sabuhx u billi Christian kien jaf fejn Luke Zammit kien joqghod marru fejn id-dar tieghu. Stennewh jasal, rawh li gie bil-mixi u Christian mar ikellmu. Filwaqt li huwa minnu li mar biex forsi jiccara l-affarijiet il-Qorti hija konvinta li kemm Christian kif ukoll Ryan kienu rrabjati ghall-istess Zammit. Li kieku ma kienx il-kaz ma kienux imorru dritt dak il-hin matul il-lejl biex jiccaraw l-affarijiet izda kienu jistennew sakemm kulhadd jikkalma. Il-Qorti temmen li Christian Fenech mar fuq Luke Zammit, kellmu xi ftit jew wisq b'rabja dan Zammit hassu mhedded u Fenech haseb li kien se jerfa' idu u b'hekk Christian Fenech irreagixxa u qabad itih u l-imputat l-iehor mar ukoll ikompli jaghti lil Luke Zammit. Ix-xebgha li tawh kienet wahda sostanzjali tant li anki meta Zammit spicca mal-art baqghu jtuh sahansitra bis-sieq.

Inkwantu ghall-griehi sofferti fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali ssir referenza ghall-artikoli 214 u 216(1)(b)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 216 jipprovdi li l-offiza fuq il-persuna hija gravi:

*"(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;"*

*"(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;"*

Mill-provi prodotti jirrizulta li Dr Glenn Garcia[4] ikkonferma c-certifikat mediku li hareg fid-19 ta' Novembru 2011 wara li nvista lil Luke Zammit. Huwa kkonstata li Luke Zammit kellu ferita ta' xi zewg centimetre fuq in-naha tax-xellug tal-wicc, ferita maghluqa fuq ir-ras, nefha fuq ix-xoffa ta' fuq u abrazjoni ohra fuq l-irkoppa tax-xellug. Il-pazjent kien stordut u kellu ugiegh ta' ras. Dr Garcia ccertifika n-natura tal-griehi bhala gravi minhabba l-ferita fuq il-wicc li ghalkemm ma kellhiex bzonn punti kienet tidher li tista' tibqa' vizibbli. Inkwantu ghall-ferita fuq il-wicc, il-Qorti kkonstata de visu[5] li Luke Zammit ghandu cikatrici zghira fuq wiccu fuq in-naha tax-xellug tieghu.

Referenza ssir ghas-sentenza **Pulizija vs Jonathan Farrugia**[6]

*"**11.** Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Francis Dingli** deciz fit-12 ta' Settembru 1996, intqal:*

***"L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dan il-mankament jew sfregju jkun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b)…. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeciedi jekk offiza ggibx sfregju fil-wicc o meno jrid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga` nghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."***

**12.** *Imbaghad fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Paul Spagnol** deciz fit-12 ta' Settembru 1996, gie spjegat:*

[4] Seduta tad-9 ta' Jannar 2013
[5] Fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2016
[6] Qorti ta' l-Appell Kriminali deciza fil-15 ta' Frar, 2012

***"Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita` tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin" (Il-Pulizija v. Emily Zarb, App. Krim., 15/2/58, Kollez. Deciz. XLII.iv.1245, 1248)."***

**13.** *Din il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija v. Antonio sive Anthony Randich*** *deciz fit-2 ta' Settembru 1999:*

***"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il- Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."***

Illi apparti c-cerifikat mediku, f'dawn il-proceduri gew ezebiti ritratti tal-vittma mehuda a tempo vergine wkoll li jkomplu jsahhu l-hsieb tal-Qorti li n-natura tal-ferita mgarrba fuq wicc il-vittma hija ta' natura tali li taqa' fl-ambitu tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mhux l-istess jista' jinghad ghal dak li jirrigwarda s-subartikolu (1)(d) tal-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali. Infatti ghalkemm Luke Zammit xehed li huwa spicca rikoverat l-isptar ghal xi jiem u dam tlett gimghat biex mar ghax-xoghol irrizulta li filwaqt li huwa minnu li

Zammit gie rikoverat l-isptar fid-29 ta' Novembru 2011[7] jirrizulta li huwa gie dijanjostikat b'*helicobacter associated chronic antral gastritis.* Meta xehed Mr Dennis Gatt[8], konsulent, spjega li Zammit dahal l-isptar minhabba xi ugiegh ta' zaqq u li kien ilu xi tlett gimghat u informahom li kien involut f'xi incident. Mr Gatt xehed li meta investigaw ma sabu xejn f'zaqq Luke Zammit u sabulu infezzjoni b'mikrobu 'helicobacter' imma din m'ghandha x'taqsam xejn ma' injury izda hija xi haga komuni. Huma kienu rreferewh ghand dentist. Luke Zammit innifsu kkonferma li huwa ma mar ghand l-ebda dentist u lanqas sofra griehi fi snienu[9].

Ghalhekk l-imputati filwaqt li se jinstabu hatja li kkagunaw griehi ta' natura gravi fuq Luke Zammit dan huwa biss fit-termini tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali izda mhux ukoll fit-termini tal-artikolu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni ma giex ippruvat li l-imputati jew xi hadd minnhom uzaw xi arma rregolari kontra Luke Zammit.

Inkwantu ghat-tielet imputazzjoni din tinsab preskritta billi c-citazzjoni giet prezentata ferm tlett xhur wara li sehh l-incident.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena li se tigi inflitta l-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura serja tar-reat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali netta tal-imputati. Qieghed ukoll jittiehed in kunsiderazzjoni s-social inquiry report li sar fil-konfront ta-zewg imputati minn fejn jirrizulta li l-imputati m'ghnadhomx xi karattru refrattarju izda jghixu hajja stabbli u jahdmu regolarment. Fid-dawl ta' dan kollu ma tqisx li ghandha tigi imposta piena karcerarja effettiva izda ghandu t-terminu ta' prigunerija se jkun wiehed sospiz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputati hatja tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberahom, tiddikjara t-tielet imputazzjoni bhala preskritta, wara li rat l-artikoli 214 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputati hatja tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom biss inkwantu ghall-

[7] Dok LZ6 a fol 35 tal-process
[8] Seduta tad-9 ta' Jannar 2013
[9] Seduta tal-10 ta' April 2013

artikolu 216(1)(b) u mhux inkwantu ghall-artikolu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali u tikkundanna lil kull wiehed minnhom ghal sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghed jigi sospiz ghal zmien sentejn (2) millum.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda torbot lil kull hati b'garanzija personali tieghu nfusu ghaf-favur ta' Luke Zammit taht penali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena millum sabiex izzomm il-kwiet mieghu.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat